MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 711/2013

**J & A General Operations Limited**

**Vs**

**James Camilleri ezercenti l-Kummerc bhala William's Garage**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elfejn mija tnejn u sittin euro u tnejn u tletin centezmi ta' euro [€2,162.32c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Premess illi s-socjeta attrici, fuq inkarigu tal-konvenut, rendiet diversi servizzi ta' transport lill-istess konvenut.

Premess illi l-prezz ta’ dawn is-servizzi ta’ transport jammonta ghal elfejn mija tnejn u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,162.32), liema cifra tinkludi anke t-taxxa fuq il-valur mizjud.

Premess illi l-konvenut, interpellat biex ihallas dawn l-ammonti, baqa dejjem inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-tribunal m’ghandux jikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn mija tnejn u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,162.32) u dan previa kull dikjarazzjoni ohra li jkun jidhrirlu xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli mis-16 ta’ Lulju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni”.

Ra r-risposta ta’ l-intimat minnu mressqa fit-12 ta’ Novembru, 2013 u li permezz taghha huwa wiegeb hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“Illi preliminarjament jigi eccepit li l-kawza odjerna hija ntempestiva ghall-ahhar stante li l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti huwa diga mhallas u dan wara li anke kien hemm trattativi bejn il-partijiet, liema trattativi kienu ghadhom ghaddejjin dan [recte: dak] inhar li giet prezentata din il-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat jirrespingi l-pretensjonijiet kollha attrici fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont hekk kif dedott mhux dovut;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghall-hlas ta’ interessi ghandha wkoll tigi michuda;

Illi fi kwalunkwe kaz l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista ta’ dak suespost, it-Tribunal huwa umilment mitlub sabiex jichad it-talbiet attrici hekk kif dedotti fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti.”

Ra l-verbal tal-5 ta’ Marzu 2014 fejn l-Avukat Dott. Abigail Critien ghall-intimat, b’referenza ghat-tieni eccezzjoni irrilevat li din l-eccezzjoni ghandha tinftiehem li l-ammont ma huwiex dovut il-ghaliex kien diga thallas.

Ra l-verbal datat 29 ta’ April, 2014 fejn l-Avukat Dott. Mark Simiana ghas-socjeta rikorrenti ddikjara li hija ma kienx fadlilha aktar provi xi tressaq.

Ra l-verbal datat 28 ta’ Mejju, 2014 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostaklu.

Ra r-rikors mressaq mill-intimat fid-29 ta’ Mejju, 2014 fejn huwa talab li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza u talab li jinghata opportunita li jressaq il-provi, liema talba ma kienitx opposta mis-socjeta rikorrenti. Ra d-digriet tieghu datat 26 ta’ Gunju, 2014 fejn fin-nuqqas ta’ oppossizzjoni, huwa laqa’ t-talba tal-intimat u ddiferixxa t-Talba ghall-provi kollha ta’ l-intimat ghat-3 ta’ Ottubru, 2014.

Ra l-verbal tat-3 ta’ Ottubru, 2014 fejn fuq talba ta’ l-Avukat Dott. Abigail Critien din il-kawza giet differita, ghal darb’ ohra, ghall-provi kollha ta’ l-intimat ghal-lum.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn l-intimat minkejja li gie msejjah diversi drabi baqa ma deherx. It-Tribunal ddikjara l-istadju tal-gbir tal-provi maghluqa. L-Avukat Dott. Mark Simiana talab lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza, liema talba intlaqghet.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Illi permezz tat-talba odjerna, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob lill-intimat sabiex ihallasha s-somma ta’ elfejn mija tnejn u sittin euro u tnejn u tletin centezmi ta’ euro [€2,162.32c], ammont dovut ghall-servizzi ta’ transport. L-intimat laqa ghal din it-Talba billi qal li l-kawza odjerna hija ntempestiva stante li l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti huwa diga mhallas u konsegwentement mhux dovut u anke peress li kien ghad hemm trattativi bejn il-partijiet, liema trattativi kienu ghadhom ghaddejjin dak inhar li giet prezentata din il-kawza. L-intimat qal ukoll li t-talba ghall-hlas ta’ interessi ghandha wkoll tigi michuda u li f’kull kaz l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Ikkunsidra;

2. L-Avukat Dott. Mark Simiana xehed fis-seduta tad-29 ta’ April, 2014 u qal li huwa kien gie nkarigat mid-direttur tas-socjeta rikorrenti sabiex jikteb lill-intimat l-ghaliex dan ta’ l-ahhar kien debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ elfejn mija tnejn u sittin euro u tnejn u tletin centezmi ta’ euro (€2,162.32).

Hekk fil-fatt ghamel u permezz ta' ittra datata 20 ta' Awwissu, 2013 kiteb lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma hawn imsemmija. Kopja ta' din l-ittra giet esebita a fol. 17 tal-process (dok. MS1). Xi ftit jiem wara, kompla jghid l-Avukat Simiana, l-intimat kien cempillu u nfurmah li kien dispost li jhallas parti mill-ammont reklamat. L-intimat, kompla jghid ix-xhud, kien ghamel xi protesti dwar l-kumplament ta' l-ammont. L-Avukat Simiana talbu sabiex jikkomunika ma l-Avukat tieghu izda minflok, xi ftit jiem wara huwa kien ircieva cekk fl-ammont ta' tmien mija u tletin euro (€830). Fil-11 ta' Settembru, 2013, l-Avukat Simiana reggha kiteb lill-intimat u baght lura c-cekk li huwa kien ircieva minghand l-intimat. (Arad ok. MS 2 a fol. 18). Sussegwentement l-intimat reggha baght lil Avukat Simiana xi cekkijiet ammontanti ghas-somma ta' elf u seba' mitt euro (€1,700) (ara fol. 25). Anke dawn ic-cekkijiet regghu gew irritornati lura lill-intimat permezz ta' ittra datata 29 ta' Ottubru, 2013 (dok. MS 4 a fol. 23). Sussegwentement giet intavolata t-Talba odjerna fit-30 ta' Ottubru, 2013. Fl-1 ta' Novembru, 2013 (ara timbru tal-posta fuq l-enveloppe esebit a fol. 26A).

L-Avukat Simiana kkonferma li c-cekkijiet mibghuta mill-intimat kienu jkopru l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri u gew debitament msarrfa. Ghalhekk, illum il-gurnata, ghalaq ix-xhieda tieghu l-Avukat Simiana "*... s-sorte huwa allura mhallas, imma ghad hemm il-pretensjoni fuq l-imghax u fuq l-ispejjez xejn izjed*" (fol. 15).

In kontro-ezami, x-xhud, mistoqsi l-ghala s-socjeta rikorrenti ma stennietx ftit qabel ma ntavolat din il-kawza fit-30 ta' Ottubru, 2013 mehud in konsiderazzjoni l-fatt li hija kienet baghtet ittra fid-29 ta' Ottubru, 2013 lill-istess intimat, qal li "*... l-klijent tieghi kien tal-fehma illi l-intimat kien inghata bizzejjed opportunita sabiex ihallas dak li kien qieghed jigi mitlub*" (fol. 15).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi jirrizulta car, mix-xhieda ta' l-Avukat Dott. Simiana, li s-sorte llum il-gurnata gie saldat u kull ma ghad fadal pendenti hija l-kwistjoni ta' l-imghax u l-ispejjez tal-proceduri odjerni. Irrizulta ukoll li s-socjeta rikorrenti kienet kitbet diversi drabi lill-intimat tinfurmah li l-pagamenti li huwa kien qieghed jaghmel ma

kienux qeghdin jigu accettati l-ghaliex ma kienx l-ammont kollu li l-istess socjeta rikorrenti kienet qeghda tirreklama minghand l-intimat. Kien biss wara li giet intavolata l-kawza odjerna fit-30 ta’ Ottubru, 2013 li l-intimat ghazel li jhallas l-ammont kollu reklamat. Mill-fotokopji tac-cekkijiet esebiti jirrizulta li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti u accettat mill-intimat ma thallasx f’daqqa izda f’hames pagamenti, mifruxin bejn l-1 ta’ Novembru, 2013 u l-1 ta’ Marzu, 2014. Ghalhekk, kien biss fil-mori ta’ dawn il-proceduri li l-intimat issalda l-ammont originarjament pretiz mis-socjeta rikorrenti permezz ta’ l-ittra tal-konsulent legali taghha datata 20 ta’ Awwissu, 2013 (dok. MS 1 a fol. 17).

4. L-intimat, minkejja li inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu naqas milli jaghmel dan.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li dak li qeghda titlob is-socjeta rikorrenti ghar-rigward ta’ l-imghax u l-ispejjez ghandu mis-sewwa u konsegwentement sejjer jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

i. jichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimat kull fejn dawn huma b’xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

ii. qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta rikorrenti ghal-hlas tas-somma ta’ elfejn mija tnejn u sittin euro u tnejn u tletin centezmi ta’ euro [€2,162.32c] stante li skond ma xehed l-Avukat Dott. Mark Simiana dan l-ammont gie saldat mill-intimat;

iii. qieghed jilqa t-talba ghar-rigward ta’ l-imghaxijiet kummercjali, dekorribbli mis-16 ta’ Ottubru, 2010 sal-jum ta’ kull meta sar pagament mill-intimat u l-ispejjez u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas dawn l-imghaxijiet kummercjali u spejjez lis-socjeta rikorrenti.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------